



4.12.2013

cor01

## **CORRIGENDUM**

għall-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-20 ta' Diċembru 2013 bil-  
ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru .../2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill  
dwar dispożizzjonijiet speċifiċi li jikkonċernaw il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, u  
l-Investment li għandu fil-mira t-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi, u jirrevoka r-Regolament  
(KE) Nru 1080/2006  
P7\_TA-PROV(2013)0484  
(COM(2011)0614 – C7-0328/2011 – 2011/0275(COD))

Skont l-Artikolu 216 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew, il-pożizzjoni kkwotata  
hawn fuq għandha tiġi kkoreġuta kif ġej:

**REGOLAMENT (UE) Nru .../2013  
TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**ta'**

**dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi li  
jikkonċernaw l-Investment li għandu fil-mira t-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi, u li  
jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1080/2006**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 178 u 349 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>1</sup>,

---

<sup>1</sup> ĠU C 191, 29.6.2012, p. 44.

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni<sup>1</sup>,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja<sup>2</sup>,

Billi:

- (1) L-Artikolu 176 tat-Trattat ***dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE)*** jipprevedi li l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) huwa maħsub sabiex jgħin fil-korrezzjoni tal-iżbilanċi reġjonali ewlenin li hemm fl-Unjoni. ***Taħt dak l-Artikolu u t-tieni u t-tielet paragrafi tal-Artikolu 174 TFUE, il-FEŻR għandu jikkontribwixxi għat-tnaqqis tad-disparitajiet bejn il-livelli ta' żvilupp tar-reġjuni varji u għat-tnaqqis fir-ritard tal-iżvilupp tar-reġjuni l-anqas favoriti, li fosthom għandha tingħata attenzjoni partikolari lir-reġjuni li jsofru minn żvantaġġi naturali jew demografiċi gravi u permanenti bħar-reġjuni tat-tramuntana mbiegħda b'densità ta' popolazzjoni baxxa ħafna, u gżejjer, reġjuni transkonfinali u reġjuni muntanjużi.***

---

<sup>1</sup> ĠU C 225, 27.7.2012, p. 114.

<sup>2</sup> Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Novembru 2013.

- (2) Ir-Regolament (UE) Nru .../2013<sup>+</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup> jistipula d-dispożizzjonijiet komuni mal-FEŻR, il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) , il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew Marittimu u għas-Sajd
- (3) Għandhom jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet speċifiċi dwar it-tip ta' attivitajiet li jistgħu jiġu appoġġati mill-FEŻR **sabiex isir kontribut għall-prijoritajiet ta' investiment fi ħdan** l-oġġetti tematiċi stabbiliti fir-Regolament(UE) Nru .../2013<sup>++</sup>. Fl-istess waqt, attivitajiet barra l-ambitu tal-FEŻR għandhom jiġu definiti u ċċarati, inklużi **investiment sabiex jintlaħaq** it-tnaqqis ta' emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra **mill-attivitajiet elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>2</sup>. **Sabiex jiġi evitat finanzjament eċċessiv, tali investiment ma għandux ikun eliġibbli għal appoġġ mill-FEŻR minħabba li diġà jibbenefika finanzjarjament mill-applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE. Dik l-esklużjoni m'għandhiex toħnoq il-possibbiltà li jintuża l-FEŻR biex jiġu appoġġati l-attivitajiet li mhumiex elenkati fl-Anness I għad-Direttiva 2003/87/KE anke jekk dawk l-attivitajiet huma implimentati mill-istess operaturi ekonomiċi, u li jinkludu attivitajiet bħal investimenti fl-effiċjenza fl-użu tal-enerġija fin-netwerks distrettwali għat-tisħin, is-sistemi intelliġenti ta' distribuzzjoni, ta' ħżin u ta' trażmissjoni tal-enerġija, u miżuri mmirati li jnaqqsu t-tniġġis fl-arja., anke jekk wieħed mill-effetti indiretti ta' dawn l-attivitajiet hu li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra, jew jekk huma elenkati fil-pjan nazzjonali msemmi fid-Direttiva 2003/87/KE.**

<sup>+</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru (fit-test u fin-nota f'qiegħ il-paġna), id-data u r-referenza tal-ĠU (fin-nota f'qiegħ il-paġna) tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 85/13.

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) Nru .../2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd li jirrevoka r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru.1083/2006 (ĠU L ..., ..., p. ...).

<sup>++</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 85/13.

<sup>2</sup> Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

- (4) *Huwa meħtieġ li jiġi speċifikat liema attivitajiet addizzjonali jistgħu jiġu appoġġati mill-FEŻR taħt l-għan tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea.*
- (5) Il-FEŻR għandu jikkontribwixxi għall-istrateġija tal-Unjoni għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv biex b'hekk tiġi żgurata konċentrazzjoni akbar tal-għajnuna tal-FEŻR fuq il-prijoritajiet tal-Unjoni. Skont il-kategorija ta' reġjuni meġġuna, l-appoġġ mill-FEŻR *taħt l-għan tal-investiment għat-tkabbir u l-impjiegi* għandu jikkonċentra fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni, *it-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT)*, l-impriżi ta' daqs żgħir u medju (*SMEs*) u *l-promozzjoni ta' ekonomija b'livell baxx ta' ta' karbonju. Dik il-konċentrazzjoni tematika għandha tintlaħaq fuq livell nazzjonali filwaqt li tippermetti flessibbiltà fil-livell tal-programmi operazzjonali u bejn kategoriji differenti ta' reġjuni. Il-konċentrazzjoni tematika għandha tiġi aġġustata, fejn ikun xieraq, biex tqis ir-riżorsi tal-Fond ta' Koeżjoni allokatu għall-appoġġ tal-prijoritajiet ta' investiment relatati mat-tendenza lejn ekonomija b'livell baxx ta' karbonju u msemmija fir-Regolament (UE) Nru .../2013<sup>+</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup>. Il-grad ta' konċentrazzjoni tematika għandu jkoll il-livell ta' żvilupp tar-reġjun, *il-kontribuzzjoni tar-riżorsi tal-Fond ta' Koeżjoni, fejn applikabbli*, kif ukoll il-bżonnijiet speċifiċi tar-reġjuni li l-PDG per capita użat bħala kriterju ta' eliġibbiltà tagħhom għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 kien ta' anqas minn 75 % tal-PDG medju tal-UE-25 fil-perjodu ta' referenza, *tar-reġjuni kklassifikati bl-istatus ta' eliminazzjoni gradwali fil-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 u ċerti reġjuni NUTS livell 2 li jikkonsistu biss minn Stati Membri gżejjer jew minn gżejjer oħra.**
- (6) *Għandu jkun possibbli li jkun hemm appoġġ mill-FEŻR taħt il-prijorità ta' investiment 'żvilupp lokali mmexxi mill-komunità' biex jikkontribwixxi għall-oġġettivi tematiċi kollha msemmija f'dan ir-Regolament.*

---

<sup>+</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru (fit-test u fin-nota f'qiegħ il-paġna), id-data u r-referenza tal-ĠU (fin-nota f'qiegħ il-paġna) tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 82/13.

<sup>1</sup> Regolament (UE) Nru .../2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-... dwar il-Fond ta' Koeżjoni u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru.1084/2006 (ĠU L ..., ..., p. ...).

- (7) Sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi tal-FEŻR, u f'konformità mal-Istrateġija tal-Unjoni għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv hu neċessarju li jiġu stipulati li fl-ambitu ta' kull objettiv tematiku kif stabbilit fir-Regolament (UE) Nru ...**2013**<sup>1</sup>, l-azzjonijiet speċifiċi għall-FEŻR bħala 'prijoritajiet ta' investiment'. Dawk il-prijoritajiet ta' investiment ***għandhom jistabbilixxu objettivi dettaljati, li ma jeskludux lil xulxin b'mod reċiproku, li għandu jikkontribwixxi għalihom il-FEŻR. Tali prijoritajiet ta' investiment għandhom jiffurmaw il-bażi għad-definizzjoni ta' objettivi speċifiċi fil-programmi li jqisu l-ħtiġijiet u l-karatteristiċi tal-qasam tal-programm.***

---

<sup>+</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 85/13.

- (8) *Huwa neċessarju li jiġu promossi l-innovazzjoni u l-iżvilupp tal-SMEs f'oqsma emerġenti marbuta ma' sfidi Ewropej u reġjonali bħall-industriji kreattivi u kulturali u s-servizzi innovattivi li jirriflettu domandi soċjetali ġodda jew ma' prodotti u servizzi marbuta ma' popolazzjoni li qiegħda tixjieħ, il-kura u s-saħħa, l-ekoinnovazzjoni, ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u l-effiċjenza tar-riżorsi.*
- (9) *Skont ir-Regolament (UE) Nru .../2013<sup>+</sup>, sabiex isir l-aħjar użu mill-valur miżjud minn investimenti ffinanzjati kompletament jew parzjalment mill-baġit tal-Unjoni fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni, ser jiġu mfittxija sinerġiji b'mod partikolari bejn il-funzjonament tal-FEŻR u ta' Orizzont 2020 - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni filwaqt li jiġu rispettati l-oġettivi distinti tagħhom.*
- (10) *Huwa importanti li jiġi żgurat li, fil-promozzjoni ta' investimenti fil-ġestjoni tar-riskji, għandhom jiġu kkunsidrati riskji speċifiċi fil-livell reġjonali, transkonfinali u transnazzjonali.*

---

<sup>+</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 85/13.

- (11) *Sabiex jimmassimizzaw il-kontribut tagħhom għall-oġettivi li jiġi appoġġat tkabbir favur l-impjiegi, l-attivitajiet li jappoġġaw turiżmu sostenibbli, il-kultura u l-wirt naturali għandhom ikunu parti minn strateġija territorjali għal żoni speċifiċi, inkluża l-konverżjoni ta' reġjuni industrijali li jkunu sejrin lura. L-appoġġ għal attivitajiet bħal dawn għandu jikkontribwixxi wkoll għall-oġettivi tat-tisħiħ tal-innovazzjoni u l-użu tal-ICT, SMEs, l-ambjent u l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi jew il-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali.*
- (12) *Sabiex tiġi promossa l-mobilità reġjonali jew lokali sostenibbli jew sabiex jitnaqqas it-tniġġis tal-arja u tal-istorbju, huwa meħtieġ li jiġu promossi mezzi ta' trasport li jkunu jirrispettaw is-saħħa, sostenibbli u sikuri. L-investimenti fl-infrastruttura tal-ajruporti appoġġati mill-FEŻR għandhom jipromwovu t-trasport bl-ajru ambjentalment sostenibbli, meta, inter alia, tkun qed tittejjeb il-mobilità reġjonali permezz tal-konnessjoni ta' nodi sekondarji u terzjarji mal-infrastruttura tan-netwerk tat-trasport trans-Ewropew (TEN-T), inkluż permezz ta' nodi multimodali.*



- (13) *Sabiex jiġi promoss l-ilhug tal-miri tal-enerġija u l-klima stabbiliti mill-Unjoni bħala parti mill-istrateġija tal-Unjoni għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, il-FEŻR għandu jappoġġa investiment għall-promozzjoni tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u s-sigurtà tal-provvista fl-Istati Membri permezz ta', inter alia, l-iżvilupp ta' sistemi intelliġenti tad-distribuzzjoni, tal-ħżin u tat-trażmissjoni tal-enerġija, inkluż permezz tal-integrazzjoni ta' ġenerazzjoni distribwita minn riżorsi rinnovabbli. Sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-sigurtà tal-provvista tagħhom b'tali mod li jkun konsistenti mal-miri tagħhom taħt l-istrateġija tal-Unjoni għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, l-Istati Membri għandhom ikunu kapaċi jinvestu f'infrastruttura tal-enerġija li tkun konsistenti mat-taħlita enerġetika li jkunu għażlu.*
- (14) *L-SMEs li jistgħu jinkludu intrapriżi tal-ekonomija soċjali, għandu jiġi mifhum, skont id-definizzjoni stipulata fir-Regolament (EU) No .../2013<sup>+</sup>, jiġifieri li jkopru intrapriżi ta' daqs mikro, żgħir jew medju fis-sens tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE<sup>1</sup>.*

---

<sup>+</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 85/13.

<sup>1</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' mikrointrapriżi u intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).

- (15) *Sabiex tiġi promossa l-inklużjoni soċjali u jiġi miġġieled il-faqar, b'mod partikolari fost il-komunitajiet emarġinati, huwa meħtieġ li jittejjeb l-aċċess għas-servizzi soċjali, kulturali u rikreattivi, permezz tal-provvediment ta' infrastruttura fuq skala żgħira, billi jiġu kkunsidrati l-ħtiġijiet speċifiċi tal-persuni b'diżabilitajiet u l-anzjani.*
- (16) *Is-servizzi bbażati fil-komunità għandhom ikopru l-forom kollha ta' servizzi komunitarji interni, ibbażati fuq il-familja, servizzi residenzjali u servizzi komunitarji oħra li jappoġġaw id-dritt li l-persuni kollha jgħixu fil-komunità, b'għażliet indaqs u li l-għan tagħhom huwa l-prevenzjoni tal-iżolament jew is-segregazzjoni mill-komunità.*

- (17) *Biex tiżdied il-flessibilità u jitnaqqas il-piż amministrattiv permezz ta' implimentazzjoni konġunta, l-FEŻR u l-prijoritajiet ta' investiment tal-Fond ta' Koeżjoni taħt l-oġġettivi tematiċi korrispondenti għandhom ikunu allinjati.*
- (18) *Għandu jiġi stabbilit sett komuni ta' indikaturi tal-produzzjoni sabiex jitkejjel il-progress aggregat fil-livell tal-Unjoni tal-implimentazzjoni tal-programmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament. Dawk l-indikaturi għandhom jikkorrispondu għall-prijorità ta' investiment u t-tip ta' azzjoni appoġġati skont dan ir-Regolament u d-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) Nru .../2013<sup>+</sup>. L-indikaturi komuni tal-produzzjoni għandhom ikunu kkomplementati b'indikaturi tar-riżultat speċifiċi għall-programmi u, fejn rilevanti, b'indikaturi tal-produzzjoni speċifiċi għall-programmi.*
- (19) *Fi ħdan il-qafas tal-iżvilupp urban sostenibbli, huwa kkunsidrat neċessarju li jiġu meġħjuna azzjonijiet integrati sabiex jingħelbu l-isfidi ekonomiċi, ambjentali, klimatiċi, demografiċi u soċjali li jaffettwaw iż-żoni urbani, inklużi iż-żoni urbani funzjonali, filwaqt li titqies il-ħtieġa li jiġu promossi rabtiet bejn iż-żoni urbani u dawk rurali. Il-prinċipji għall-għażla ta' żoni urbani li għalihom għandhom jiġu implimentati azzjonijiet integrati għal żvilupp urban sostenibbli, u l-ammonti indikattivi għal dawk l-azzjonijiet, għandhom ikunu stabbiliti fil-Ftehim ta' Sħubija b'minimu ta' 5 % tar-riżorsi tal-FEŻR allokat fil-livell nazzjonali għal dak il-għan. L-ambitu ta' kwalunkwe delegazzjoni tal-kompiti lill-awtoritajiet urbani għandu jiġi deċiż mill-awtorità maniġerjali f'konsultazzjoni mal-awtorità urbana.*

---

<sup>+</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 85/13.

- (20) Sabiex jiġu identifikati jew ivvalutati soluzzjonijiet ġodda li jindirizaw kwistjonijiet li huma relatati mal-iżvilupp urban sostenibbli u li huma ta' rilevanza fuq livell ta' Unjoni, il-FEŻR għandu jappoġġa azzjonijiet innovattivi fil-qasam tal-iżvilupp sostenibbli urban.
- (21) *Sabiex jissaħħu l-bini tal-kapaċitajiet, in-netwerking u l-iskambju ta' esperjenzi bejn il-programmi u l-korpi responsabbli għall-implimentazzjoni ta' strateġiji ta' żvilupp urban sostenibbli u azzjonijiet innovattivi fil-qasam tal-iżvilupp urban sostenibbli u biex jiġu komplementati l-programmi u l-korpi eżistenti, huwa meħtieġ li jiġi stabbilit netwerk ta' żvilupp urban fil-livell tal-Unjoni.*

- (22) Il-FEŻR għandu jindirizza l-problemi ta' aċċessibilità għas-swieq il-kbar u d-distanza kbira minnhom, li dawk iż-żoni b'densità ta' popolazzjoni estremament baxxa qegħdin jiffaċċaw, kif imsemmi fil-Protokoll Nru 6 dwar dispożizzjonijiet speċjali għall-Objettiv 6 fil-qafas tal-Fondi Strutturali fil-Finlandja u fl-Isvezja għall-Att tal-Adeżjoni tal-1994. Il-FEŻR għandu jindirizza wkoll id-diffikultajiet speċifiċi li jiffaċċaw ċerti gżejjer, reġjuni mal-fruntieri, reġjuni muntanjużi, u żoni b'popolazzjoni baxxa, li s-sitwazzjoni ġeografika tagħhom tnaqqas il-pass tal-iżvilupp tagħhom, bil-għan li jiġi appoġġat l-iżvilupp sostenibbli tagħhom.

- (23) Għandha tingħata attenzjoni speċifika lir-reġjuni l-aktar imbiegħda, ***jigjifieri permezz tal-adozzjoni ta' miżuri taħt l-Artikolu 349 TFUE*** bl-estensjoni, fuq bażi eċċezzjonali, tal-ambitu tal-ġhajjnuna mill-FEŻR għall-finanzjament tal-ġhajjnuna operattiva marbuta mal-kumpens ta' spejjeż addizzjonali li jirriżultaw mis-sitwazzjoni ekonomika u soċjali speċifika ta' dawk ir-reġjuni, milquta minn żvantaġġi li jirriżultaw minn fatturi li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 349 ***TFUE***, fosthom in-natura remota, insulari, ċkejnkna, topografika u klimatika diffiċli, id-dipendenza ekonomika fuq ftit prodotti, fatturi li l-permanenza u l-kombinazzjoni tagħhom jostakolaw severament l-iżvilupp ta' tali reġjuni. ***L-ġhajjnuna operattiva mogħtija mill-Istati Membri f'dak il-kuntest hija eżentata mill-obbligu ta' notifika stabbilit fl-Artikolu 108(3) TFUE, jekk, fiż-żmien li tingħata, tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti minn Regolament li jiddikjara ċerti kategoriji ta' ġhajjnuna bħala kompatibbli mas-suq intern bl-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 TFUE, u adottat skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 994/98<sup>1</sup>.***

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 994/98 tas-7 ta' Mejju 1998 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 92 u 93 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għal ċerti kategoriji ta' ġhajjnuna tal-Istat orizzontali (***ĠU L 142, 14.5.1998, p. 1***).

(24) *F'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-7 u t-8 ta' Frar 2013, u filwaqt li ġew ikkunsidrati l-oġġettivi speċjali stipulati fit-TFUE li jikkonċernaw ir-regġuni l-aktar imbiegħda msemmija fl-Artikolu 349 TFUE, l-istatus tal-Majott ġie mibdud b'riżultat tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew 2012/419/UE<sup>1</sup> sabiex isir regġun ġdid l-aktar imbiegħed mill-1 ta' Jannar 2014. Sabiex jiġi ffaċilitat u promoss l-iżvilupp infrastrutturali ffukat u rapidu tal-Majott, għandu jkun possibbli fuq bażi eċċezzjonali li tal-inqas 50 % tal-parti tal-FEŻR allokata għall-pakkett tal-Majott jiġu allokati lil ħamsa mill-oġġettivi tematiċi stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru .../2013<sup>+</sup>.*

---

<sup>1</sup> *Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew 2012/419/UE tal-11 ta' Lulju 2012 li temenda l-istatus tal-Majott fir-rigward tal-Unjoni Ewropea (OJ L 204, 31.7.2012, p. 131).*

<sup>+</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolamentfid-dokument PE-CONS 85/13.

(25) Sabiex ***dan ir-Regolament jiġi ssupplimentat b'ċerti elementi mhux essenzjali, is-setgħa*** sabiex jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 TFUE għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni skont ***ir-regoli dettaljati għall-kriterji tal-għażla u l-ġestjoni ta' azzjonijiet innovattivi. Tali setgħa għandha tiġi wkoll delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendi għall-Anness I għal dan ir-Regolament fejn ikun ġustifikat, biex tiġi żgurata l-valutazzjoni effettiva tal-progress fl-implimentazzjoni tal-programmi operazzjonali.*** Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni tagħmel il-konsultazzjonijiet xierqa waqt ix-xogħol preparatorju tagħha, inkluż fil-livell espert. Il-Kummissjoni, meta tħejji u tfassal atti ddelegati, għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.



- (26) *Peress li l-objettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li tissaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali billi jiġu rimedjati l-iżbilanċi reġjonali prinċipali fl-Unjoni, ma jistax jinkiseb suffiċjentement mill-Istati Membri, imma pjuttost jista', minħabba l-livell ta' disparitajiet bejn il-livelli ta' żvilupp tad-diversi reġjuni u r-ritard tar-reġjuni l-inqas favoriti u l-limitazzjoni fuq ir-riżorsi finanzjarji tal-Istati Membri u r-reġjuni', jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju biex jinkiseb dak l-objettiv.*
- (27) Dan ir-Regolament jissostitwixxi r-Regolament (KE) Nru 1080/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup>. Fl-interessi taċ-ċarezza, ir-Regolament (KE) Nru 1080/2006 għandu għalhekk jiġihassar. *Madankollu, dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa t-tkomplija jew il-modifika tal-assistenza approvata mill-Kummissjoni abbażi tar-Regolament (KE) Nru 1080/2006 jew kwalunkwe leġiżlazzjoni oħra li tapplika għal dik l-assistenza fil-31 ta' Diċembru 2013. Dak ir-Regolament jew tali leġiżlazzjoni applikabbli oħra għandhom konsegwentement ikomplu japplikaw wara l-31 ta' Diċembru 2013 għal dik l-assistenza jew l-operazzjonijiet ikkonċernati sakemm jagħlqu. L-applikazzjonijiet għal assistenza magħmulin jew approvati skont ir-Regolament (KE) Nru 1080/2006 għandhom għalhekk jibqgħu validi.*
- (28) *Sabiex jista' jkun hemm applikazzjoni fil-pront tal-miżuri previsti f'dan ir-Regolament, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1080/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1783/1999 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 1).

Kapitolu I  
Dispożizzjonijiet komuni

Artikolu 1

**Suġġett**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-ħidmiet tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), l-ambitu li fih se jgħin rigward l-Investment li għandu fil-mira t-tkabbir u l-impjegi u l-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea, u dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-għajnuna mill-FEŻR li għandu fil-mira l-Investment għat-Tkabbir Ekonomiku u l-Impjegi.

Artikolu 2

**Kompiti tal-FEŻR**

Il-FEŻR għandu jikkontribwixxi billi jiffinanzja l-għajnuna bl-iskop li ssaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, billi twitti l-iżbilanċi reġjonali prinċipali fl-Unjoni permezz tal- iżvilupp *sostenibbli* u l-aġġustament strutturali tal-ekonomiji reġjonali, inkluż ir-rikonverżjoni tar-reġjuni industrijali li jkunu sejrjn lurau reġjuni li l-iżvilupp tagħhom għadu lura.

### Artikolu 3

L-ambitu tal-appoġġ mill-FEŻR

1. Il-FEŻR għandu jgħin *l-attivitajiet li għejjin sabiex jikkontribwixxi għall-prijoritajiet ta' investment stabbiliti fl-Artikolu 5:*
  - (a) investment produttiv li jikkontribwixxi għall-ħolqien u s-salvagwardja ta' impjiegi sostenibbli, permezz ta' għajnuna diretta għall-investment fl-SMEs;
  - (b) *investment produttiv, irrispettivament mid-daqs tal-impriża konċernata, li jikkontribwixxi għall-prijoritajiet ta' investment stabbiliti fil-punti (1) u (4) tal-Artikoli 5, u, fejn dak l-investment jinvolti kooperazzjoni bejn impriżi kbar u SMEs, fil-punt (2) tal-Artikolu 5;*
  - (c) investment fl-infrastruttura li jipprovdi servizzi bażiċi liċ-ċittadini fl-oqsma tal-enerġija, l-ambjent, it-trasport u l-ICT;

- (d) investimenti fl-infrastruttura soċjali, tas-saħħa, *tar-riċerka, tal-innovazzjoni, tan-negozju* u tal-edukazzjoni;
- (e) *investment fl-iżvilupp* ta' potenzjal endoġenu *permezz tal-investment fiss f'tagħmir u infrastruttura fuq skala żgħira; inklużi infrastruttura kulturali u tat-turiżmu sostenibbli fuq skala żgħira, servizzi lill-impriżi, appoġġ lill-korpi tar-riċerka u l-innovazzjoni u investment fit-teknoloġija u r-riċerka applikata fl-impriżi;*

█

- (f) netwerking, kooperazzjoni u qsim ta' esperjenzi bejn *awtoritajiet kompetenti reġjonali, lokali, urbani u awtoritajiet pubbliċi oħra, sħab ekonomiċi u soċjali, u korpi rilevanti li jirrappreżentaw is-soċjetà ċivili msemmija fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) Nru. .../2013<sup>+</sup>, studji, azzjonijiet preparatorji u l-bini ta' kapaċitajiet.*

█

---

\* ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolamentfid-dokument PE-CONS 85/13.

2. ***Taħt il-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea, il-FEŻR jista' jappoġġa wkoll il-kondiviżjoni tal-faċilitajiet u r-riżorsi umani u kull tip ta' infrastruttura b'mod transkonfinali fir-reġjuni kollha.***
3. Il-FEŻR m'għandux jgħin:
- (a) id-diżattivazzjoni ***jew il-kostruzzjoni*** tal-impjanti tal-enerġija nukleari;
  - (b) ***investment biex ikun hemm tnaqqis*** ta' emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra ***minn attivitajiet*** elenkati fl-***Anness I għad-Direttiva*** 2003/87/KE;
  - (c) il-manifattura, l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' tabakk u prodotti tat-tabakk;
  - (d) impriżi f'diffikultà kif definiti taħt ir-regoli tal-Unjoni Ewropea dwar l-***għajnuna mill-Istat***;
  - (e) ***investment fl-infrastruttura tal-ajruporti sakemm ma jkunx relatat mal-ħarsien ambjentali jew akkumpanjat minn investment meħtieġ sabiex jittaffa jew jitnaqqas l-impatt ambjentali negattiv tagħha.***

## Artikolu 4

### Konċentrazzjoni tematika

1. L-objettivi tematiċi stabbiliti fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru .../2013<sup>+</sup>, u l-prijoritajiet korrispondenti għall-investiment stipulati fl-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament, li għalihom il-FEŻR jista' jikkontribwixxi **taħt il-mira ta' Investiment għat-tkabbir u l-impjiegi**, għandhom ikunu miġbura hekk:

(a) f'reġjuni aktar żviluppati ■ :

- (i) mill-inqas 80% mit-total tar-riżorsi tal-FEŻR fuq livell nazzjonali għandhom jiġu allokati **għal tnejn mill-objettivi** tematiċi **jew iżjed** stabbiliti fil-punti 1, 2, 3 u 4 tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru .../2013<sup>+</sup>; u
- (ii) mill-inqas 20 % mit-total tar-riżorsi tal-FEŻR fuq livell nazzjonali għandhom jiġu allokati għall-objettiv tematiku stabbilit fil-punt 4 tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru .../2013<sup>+</sup>.

---

<sup>+</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 85/13.

**(b) f'reġjuni ta' tranżizzjoni:**

- (i) mill-inqas 60 % mit-total tar-riżorsi tal-FEŻR fuq livell nazzjonali għandhom jiġu allokati għal tnejn mill-objettivi tematiċi jew iżjed stabbiliti fil-punti 1, 2, 3 u 4 tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru .../2013<sup>+</sup>; u**
- (ii) mill-inqas 15 % mit-total tar-riżorsi tal-FEŻR fuq livell nazzjonali għandhom jiġu allokati għall-objettiv tematiku stabbilit fil-punt 4 tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru .../2013<sup>+</sup>.**

**(c) f'reġjuni anqas żviluppati:**

- (i) mill-inqas 50 % mit-total tar-riżorsi tal-FEŻR fuq livell nazzjonali għandhom jiġu allokati *għal tnejn mill-objettivi* tematiċi *jew iżjed* stabbiliti fil-punti 1, 2, 3 u 4 tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru .../2013<sup>+</sup>; u**

---

<sup>+</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 85/13.  
<sup>+</sup> .

- (ii) mill-inqas **12 %** mit-total tar-riżorsi tal-FEŻR fuq livell nazzjonali għandhom jiġu allokati għall-oġġettiv tematiku stabbilit fil-punt 4 tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru .../2013<sup>+</sup>.

Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, **■** reġjuni li l-PDG per capita tagħhom użat bħala kriterju ta' eliġibbiltà għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 kien ta' anqas minn 75 % tal-PDG medju tal-UE-25 fil-perjodu ta' referenza, **u reġjuni kklassifikati bl-istatus ta' eliminazzjoni gradwali fil-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013**, imma li huma eliġibbli taħt il-kategorija ta' **■** reġjuni aktar żviluppati msemmija fil-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 90(2) **■** (c) tar-Regolament (UE) Nru .../2013<sup>+</sup> fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, **għandhom jitqiesu bħala reġjuni ta' tranżizzjoni.**

Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, **ir-reġjuni kollha ta' NUTS livell 2 li jikkonsistu biss minn Stati Membri gżejjer jew minn gżejjer li jiffurmaw parti minn Stati Membri li jirċievu appoġġ mill-Fond ta' Koeżjoni u mir-reġjuni kollha l-aktar imbiegħda, għandhom jiġu kkunsidrati bħala reġjuni anqas żviluppati.**

---

<sup>+</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 85/13.



2. *B'deroga mill-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, is-sehem minimu tal-FEŻR allokati għal kategorija ta' reġjuni jista' jkun anqas minn dak spjegat f'dak il-paragrafu, dment li tali tnaqqis jiġi kkompensat b'żieda fis-sehem allokati għal kategoriji ta' reġjuni oħrajn. Is-somma li tirriżulta fil-livell nazzjonali tal-ammonti għall-kategoriji kollha tar-reġjuni rispettivament għall-oġġettivi tematiċi stipulati fil-punti 1, 2, 3 u 4 tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru .../2013<sup>+</sup> u dawk stipulati fil-punt 4 tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru .../2013<sup>+</sup> għaldaqstant ma għandhiex tkun anqas mis-somma fil-livell nazzjonali li tirriżulta mill-applikazzjoni tal-ishma minimi tal-FEŻR stipulati fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.*

---

<sup>+</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 85/13.

3. *B'deroga mill-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, ir-riżorsi tal-Fond ta' Koeżjoni allokatu għall-appoġġ tal-prijoritajiet ta' investiment spjegati fil-punt (a) tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru .../2013<sup>+</sup> jistgħu jingħaddu favur l-ilħuq tal-ishma minimi spjegati fil-punti (a)(ii), (b)(ii) u (c)(ii) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. F'każ bħal dan, is-sehem imsemmi fil-punt (c)(ii) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jiżdied għal 15 %. Fejn applikabbli, daww ir-riżorsi għandhom jiġu allokatu pro rata għall-kategoriji differenti ta' reġjuni abbażi tal-ishma relattivi tagħhom tal-popolazzjoni totali tal-Istat Membru kkonċernat.*

#### Artikolu 5

#### Prijoritajiet ta' investiment

Il-FEŻR għandu jappoġġa dawn il-prijoritajiet ta' investiment fi ħdan l-oġġettivi tematiċi stabbiliti fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru .../2013<sup>++</sup> *skont il-ħtiġijiet ta' żvilupp u l-potenzjali ta' tkabbir imsemmijin fil-punt (a)(i) tal-Artikolu 15(1) ta' dak ir-Regolament u stabbiliti fil-Ftehim ta' Sħubija:*

---

<sup>+</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 82/13.

<sup>++</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 85/13.

- (1) it-tisħiħ tar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-innovazzjoni **billi**:
- (a) tittejjeb l-infrastruttura tar-riċerka u l-innovazzjoni (R&I) u l-kapaċità li tiġi żviluppata eċċellenza fir-R&I, u l-promozzjoni ta' ċentri ta' kompetenza, b'mod partikolari dawk li huma ta' interess Ewropew;
  - (b) jiġi promoss investiment kummerċjali ***fir-R&I, u l-iżvilupp ta' konnessjonijiet u sinerġiji bejn l-imprezi, ċentri tar-riċerka u l-iżvilupp u s-settur tal-edukazzjoni ogħla, b'mod partikolari l-promozzjoni tal-investiment fl-iżvilupp tal-prodotti u s-servizzi, it-trasferiment tat-teknoloġija, l-innovazzjoni soċjali, l-ekoinnovazzjoni, l-applikazzjonijiet ta' servizzi pubbliċi, simulazzjoni tal-esiġenzi, networking, ċentri ta' teknoloġija għolja, u l-innovazzjoni miftuħa permezz ta' speċjalizzazzjonijiet intelliġenti, u b'appoġġ għar-riċerka teknoloġika u applikata, il-linji pilota, l-azzjonijiet li jivvalidaw prodott fi stadju bikri, il-kapaċitajiet ta' manifattura avvanzata u l-ewwel produzzjoni, b'mod partikolari fit-teknoloġiji ewlenin li jiftħu l-possibilitajiet u t-tixrid ta' teknoloġiji għal għanijiet ġenerali;***

█

- (2) it-titjib tal-aċċess għal, u l-użu u l-kwalità tal-ICT **billi:**
- (a) tiġi estiża l-firxa tal-broadband u l-provvediment ta' networks veloċi **u l-appoġġ għall-adozzjoni ta' teknoloġiji u networks emerġenti għall-ekonomija diġitali;**
  - (b) jiġu żviluppati prodotti u servizzi tal-ICT, il-kummerċ elettroniku, u t-titjib fir-rikjesta tal-ICT;
  - (c) tissaħħaħ l-applikazzjoni tal-ICT għal gvern elettroniku (e-government), tagħlim elettroniku (e-learning), inklużjoni elettronika (e-inclusion), **kultura elettronika (e-culture)** u struttura tas-saħħa elettronika (e-health);
- (3) it-titjib tal-kompetittività tal-SMEs **billi:**
- (a) tiġi promossa l-intraprenditorija, b'mod partikolari billi jiġi aġevolat l-isfruttar ekonomiku ta' ideat ġodda u trawwim fil-ħolqien ta' ditti ġodda, **inkluż permezz ta' inkubaturi tan-negozju;**

- (b) l-iżvilupp **u l-implimentazzjoni** ta' mudelli ġodda ta' negozju għall-SMEs b'mod partikolari fir-rigward tal-internazzjonalizzazzjoni;
  - (c) ***l-appoġġ għall-ħolqien u l-estensjoni ta' kapaċitajiet avvanzati għall-iżvilupp ta' prodotti u servizzi;***
  - (d) ***l-appoġġ tal-kapaċità tal-SMEs biex jikbru fis-swieq reġjonali, nazzjonali u internazzjonali, u biex jinvolvu ruħhom fil-proċessi tal-innovazzjoni;***
- (4) l-appoġġ għall-bidla lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju **billi:**
- (a) jiġu promossi l-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' **■** enerġija ***li tiġi minn sorsi rinnovabbli;***
  - (b) jiġi promoss l-użu tal-effiċjenza enerġetika u l-enerġija rinnovabbli ***fl-impriżi;***
  - (c) tiġi sostnuta l-effiċjenza enerġetika, ***il-ġestjoni intelliġenti tal-enerġija*** u l-użu tal-enerġija rinnovabbli fl-infrastruttura pubblika, ***inkluż f'bini pubbliku u fis-settur*** tad-djar;

- (d) jiġu żviluppati u ***implimentati*** sistemi ta' distribuzzjoni intelliġenti li joperaw fuq livelli ta' vultaġġ baxxi ***u medji***;
  - (e) jiġu promossi strateġiji b'livell baxx ta' karbonju ***għat-tipi kollha ta' territorju, b'mod partikolari għaż-żoni urbani, inkluża l-promozzjoni tal-mobilità urbana multimodali sostenibbli u l-miżuri ta' adattament rilevanti għall-mitigazzjoni***;
  - (f) jiġu promossi ***r-riċerka u l-innovazzjoni fi, u adożzjoni ta' teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju***;
  - (g) ***jiġi promoss l-użu ta' koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja ta' sħana u elettriku abbażi tad-domanda għal sħana siewja***;
- (5) il-promozzjoni ta' adattament għat-tibdil fil-klima, il-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskju ***billi***:
- (a) jiġi appoġġat l-investment ■ għall-adattament għat-tibdil fil-klima, ***inklużi approċċi bbażati fuq ekosistemi***;

- (b) jiġi promoss l-investiment li jindirizza r-riskji speċifiċi, jiżgura r-reżiljenza għal dżastri u jiżviluppa sistemi ta' ġestjoni tad-dżastri;
- (6) ***il-preservazzjoni u l-protezzjoni*** tal-ambjent u l-promozzjoni tal-effiċjenza tar-riżorsi ***billi***,
- (a) isir ***investment*** fis-settur tal-iskart biex jintlaħqu l-ħtiġijiet tal-acquis ambjentali ***tal-Unjoni u jiġu indirizzati l-bżonnijiet identifikati mill-Istati Membri ta' investment li jmur lil hinn minn dawk il-ħtiġijiet***;
  - (b) isir investment fis-settur tal-ilma biex jintlaħqu l-ħtiġijiet tal-acquis ambjentali ***tal-Unjoni u jiġu indirizzati l-bżonnijiet identifikati mill-Istati Membri ta' investment li jmur lil hinn minn dawk il-ħtiġijiet***;
  - (c) ***il-wirt naturali u*** kulturali jiġi konservat, protett, promoss u żviluppat;

- (d) jiġu protetti u rrestawrati l-bijodiversità, **u** l-ħamrija u jiġu promossi s-servizzi għall-ekosistema inkluża permezz ta' Natura 2000 u infrastrutturi ambjentali;
- (e) tittieħed azzjoni biex jitjieb l-ambjent urban, ***jingħataw il-ħajja l-ibliet***, jiġu riġenerati u dekontaminati s-siti industrijali żdingati (brownfield sites) (inklużi żoni ta' konverżjoni), ***jitnaqqas it-tniġġis fl-arja u jiġu promossi miżuri għat-tnaqqis tal-istorbju***;
- (f) ***jiġu promossi teknoloġiji innovattivi biex tittejjeb il-protezzjoni ambjentali u l-effiċjenza fir-riżorsi fis-settur tal-iskart, fis-settur tal-ilma u fir-rigward tal-ħamrija, jew biex jitnaqqas it-tniġġis tal-arja***;
- (g) ***tkun appoġġata t-tranżizzjoni industrijali lejn ekonomija effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, il-promozzjoni tat-tkabbir ekoloġiku, il-ġestjoni tal-ekoinnovazzjoni u tal-prestazzjoni ambjentali fis-setturi pubbliċi u privati***;



- (7) il-promozzjoni tat-trasport sostenibbli u t-tneħħija ta' konġestjoni fl-infrastrutturi tan-netwerks prinċipali billi:
- (a) tkun appoġġata Żona Unika Ewropea tat-Trasport multimodali permezz ta' investiment fit-TEN-T.
  - (b) tittejjeb il-mobbiltà reġjonali permezz ta' konnessjonijiet ta' nodi sekondarji u terzjarji mal-infrastruttura TEN-T, **inklużi nodi multimodali**;
  - (c) jiġu żviluppati u mtejba sistemi tat-trasport favur l-ambjent (**inkluż b'livell ta' storbu baxx**) u b'livell ta' karbonju baxx, **inklużi passaġġi tal-ilma interni u trasport marittimu, portijiet, kollegamenti multimodali u infrastruttura tal-ajruporti, sabiex tiġi promossa l-mobbiltà reġjonali u lokali sostenibbli**;
  - (d) jiġu żviluppati u rriabilitati sistemi ferrovjarji komprensivi, ta' kwalità għolja u interoperabbli, **u l-promozzjoni ta' miżuri għat-tnaqqis tal-istorbu**;

- (e) *titjeb l-effiċjenza enerġetika u s-sigurtà tal-provvista permezz tal-iżvilupp ta' sistemi intelliġenti tad-distribuzzjoni, tal-ħżin u tat-trażmissjoni tal-enerġija u permezz tal-integrazzjoni ta' ġenerazzjoni distribwita minn sorsi rinnovabbli;*
- (8) il-promozzjoni tal-impjiegi *sostenibbli u ta' kwalità* u s-sostenn lill-mobilità tax-xogħol *billi*:
- (a) jiġi appoġġat *l-iżvilupp* ta' inkubaturi tan-negozju u għajjnuna b'investiment għal dawk li jaħdmu għal rashom, *il-mikroimpriżi* u l-ħolqien ta' negozju;
- (b) jiġi appoġġat *it-tkabbir favur l-impjiegi permezz tal-iżvilupp ta' potenzjal endoġenu bħala parti minn strateġija territorjali għal żoni speċifiċi, inklużi l-konverżjoni ta' reġjuni industrijali li jkunu sejrjn lura u t-titjib tal-aċċessibbiltà għal riżorsi naturali u kulturali speċifiċi u l-iżvilupp tagħhom;*
- (c) jiġu appoġġati inizzjattivi ta' żvilupp lokali u għajjnuna għal strutturi li jipprovdu servizzi ta' viċinat sabiex jinħolqu impjiegi, fejn tali azzjonijiet ikunu barra l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru .../2013<sup>+</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup>;

---

<sup>+</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru (fit-test u fin-nota f'qiegħ il-paġna), id-data u r-referenza tal-ĠU (fin-nota f'qiegħ il-paġna) tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 87/13.

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) Nru .../2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Soċjali Ewropew u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1081/2006 (ĠU L ..., ..., p.....).

- (d) investiment fl-infrastruttura għas-servizzi tal-impjieg ■ ;
- (9) il-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, il-ġlieda kontra l-faqar **u kwalunkwe diskriminazzjoni billi:**
- (a) isir investiment fl-infrastruttura tas-saħħa u soċjali, li jikkontribwixxi għall-iżvilupp nazzjonali, reġjonali u lokali, għat-tnaqqis ta' inugwaljanzi f'termini ta' stat ta' saħħa, **tiġi promossa l-inklużjoni soċjali permezz tat-titjib tal-aċċess għal servizzi soċjali, kulturali u rikreattivi u t-tranżizzjoni** minn servizzi istituzzjonali għal dawk li huma tal-komunità;
- (b) jingħata appoġġ għar-riġenerazzjoni fiżika, ekonomika **u soċjali** ta' komunitajiet **imċaħħda li jinsabu f'żoni** urbani u rurali;
- (c) jingħata appoġġ lill-impriżi soċjali;
- (d) **isir investiment fil-kuntest ta' strateġiji ta' żvilupp lokali mmexxija mill-komunità;**

- (10) isir investiment fl-edukazzjoni, ***fit-taħriġ u t-taħriġ vokazzjonali għall-ħiliet*** u l-edukazzjoni tul il-ħajja bl-iżvilupp ta' infrastruttura għall-edukazzjoni u għat-taħriġ;
- (11) tittejjeb il-kapaċità istituzzjonali ***tal-awtoritajiet pubbliċi u l-partijiet interessati*** u amministrazzjoni pubblika effiċjenti, permezz ta' azzjonijiet li jsaħħu l-kapaċità istituzzjonali u l-effiċjenza tal-amministrazzjonijiet pubbliċi u tas-servizzi pubbliċi relatati mal-implimentazzjoni tal-FEŻR, u l-appoġġ tal-azzjonijiet taħt il-FSE biex tissaħħaħ il-kapaċità istituzzjonali, u l-effiċjenza tal-amministrazzjoni pubblika.

## Artikolu 6

Indikaturi għal Investiment li għandu fil-mira t-tkabbir ekonomiku u l-impjegi

1. Indikaturi komuni ***tal-produzzjoni***, kif stipulati fl-Anness I għal dan ir-Regolament, ***indikaturi ta' riżultati speċifiċi għal programm u, fejn rilevanti, indikaturi tal-produzzjoni speċifiċi għal programm*** għandhom jintużaw f'konformità mal-Artikolu 27(4) ***u l-punt (b)(ii) u (iv) u l-punt (c)(ii) u (iv)*** tar-Regolament (UE) Nru .../2013<sup>+</sup>.
2. Għall-indikaturi ***tal-produzzjoni*** komuni ***u speċifiċi għal programm***, il-linji bażi għandhom jibdew minn żero. ***Valuri ta' mira kwantifikati*** kumulattivi ***għal dawk l-indikaturi*** għandhom jiġu stabbiliti għall-2023.
3. Għall-indikaturi tal-produzzjoni speċifiċi għal programm, ***li huma marbuta ma' prijoritajiet ta' investiment***, il-linji bażi għandhom jużaw id-dejta l-iżjed reċenti disponibbli u l-miri għandhom jiġu stabbiliti għall-2023. ***Il-miri*** jistgħu jiġu espressi f' termini kwantitattivi jew kwalitattivi.

---

<sup>+</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 85/13.

4. *Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 14 sabiex temenda l-lista ta' indikaturi komuni tal-produzzjoni stipulati fl-Anness I, sabiex tagħmel aġġustamenti, fejn ġustifikat, biex tiżgura valutazzjoni effettiva tal-progress fl-implimentazzjoni tal-programmi operazzjonali.*

## Kapitolu II

Dispożizzjonijiet speċifiċi dwar it-trattament ta' karatteristiċi territorjali partikolari

### Artikolu 7

#### Żvilupp urban sostenibbli

1. Il-FEŻR għandu jappoġġa fi ħdan il-programmi operazzjonali l-iżvilupp urban sostenibbli permezz ta' strateġiji li jstipulaw azzjonijiet integrati li jstabilixxu l-isfidi ekonomiċi, ambjentali, klimatiċi, **demografiċi**, u soċjali li jaffettwaw liż-żoni urbani, **filwaqt li tiġi kkunsidrata l-ħtieġa li jiġu promossi rabtiet bejn iż-żoni urbani u dawk rurali.**

2. ***Żvilupp urban sostenibbli għandu jitwettaq permezz ta' investimenti territorjali Integrati kif imsemmija fl-Artikolu 36 tar-Regolament (UE) Nru .../2013<sup>+</sup>, jew permezz ta' programm operazzjonali speċifiku, jew permezz ta' assi ta' prijorità speċifika skont il-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 96(1) tar-Regolament (UE) Nru .../2013<sup>+</sup>.***
  
3. ***Meta jqis is-sitwazzjoni territorjali speċifika, kull Stat Membru għandu jistabbilixxi fil-Ftehim ta' Sħubija tiegħu l-prinċipji għall-għażla taż-żoni urbani*** fejn għandhom ikunu implimentati azzjonijiet integrati għal żvilupp urban sostenibbli, u l-allokazzjoni indikattiva għal dawk l-azzjonijiet fuq livell nazzjonali.

---

<sup>+</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 85/13.

4. Mill-inqas 5 % tar-riżorsi tal-FEŻR allokatu fuq livell nazzjonali *taħt il-mira tal-Investment għat-tkabbir u l-impjiegi* għandhom ikunu attribwiti għal azzjonijiet integrati għall-iżvilupp urban sostenibbli *fejn l-ibliet, il-korpi subreġjonali jew lokali responsabbli għall-implimentazzjoni ta' strateġiji urbani sostenibbli (l-“awtoritajiet urbani”)* għandhom ikunu responsabbli għall-kompiti relatati, *tal-inqas, mal-għażla ta' operazzjonijiet skont l-Artikolu 123(6) tar-Regolament (UE) Nru .../2013<sup>+</sup>, jew, fejn ikun xieraq, skont l-Artikolu 123(7) ta' dak ir-Regolament. L-ammont indikattiv li għandu jiġi ddedikat għall-finijiet tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandu jiġi stabbilit fil-programm jew il-programmi operazzjonali kkonċernati.*
  
5. *L-awtorità manġerjali għandha tiddetermina, f'konsultazzjoni mal-awtorità urbana, l-ambitu tal-kompiti, li għandhom jitwettqu mill-awtoritajiet urbani, li jikkonċernaw il-ġestjoni ta' azzjonijiet integrati għall-iżvilupp urban. L-awtorità ta' ġestjoni għandha tirreġistra formalment id-deċiżjoni tagħha bil-miktub. L-awtorità manġerjali tista' żżomm id-dritt li twettaq verifika finali tal-eliġibilità tal-operazzjonijiet qabel l-approvazzjoni.*

---

<sup>+</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 85/13.



## Artikolu 8

### Azzjonijiet innovattivi fil-qasam tal-iżvilupp urban sostenibbli

1. Fuq inizjattiva tal-Kummissjoni, il-FEŻR jista' jappoġġa azzjonijiet innovattivi fil-qasam tal-iżvilupp urban sostenibbli ***skont l-Artikolu 92(8) tar-Regolament (UE) Nru .../2013\****. Azzjonijiet bħal dawn għandhom jinkludu studji u proġetti pilota sabiex jidentifikaw jew jittestjaw soluzzjonijiet ġodda li jindirizzaw kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-iżvilupp urban sostenibbli, u li huma ta' rilevanza fuq livell ta' Unjoni. ***Il-Kummissjoni għandha thegġegħ l-involviment ta' msieħba rilevanti msemmija fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) Nru .../2013+ fit-thejjja u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet innovattivi.***

---

\* ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 85/13.

2. B'deroga għall-Artikolu 4 **ta' dan ir-Regolament**, azzjonijiet innovattivi jistgħu jappoġġaw l-attivitajiet kollha neċessarji sabiex jintlaħqu l-oġġettivi tematiċi stipulati fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru .../2013<sup>+</sup>, u l-prijoritajiet ta' investiment korrispondenti stipulati fl-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament.
3. Il-Kummissjoni **għandu jkollha s-setgħa** tadotta atti delegati skont l-Artikolu 14, **li jistabbilixxi regoli dettaljati li jikkonċernaw il-prinċipji** għall-ġażla u **l-ġestjoni** ta' azzjonijiet innovattivi **li għandhom jiġu appoġġati mill-FEŻR skont dan ir-Regolament**.

## Artikolu 9

### *Netwerk għall-iżvilupp urban*

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi, skont l-Artikolu 58 tar-Regolament (UE) Nru .../2013<sup>+</sup>, **netwerk** għall-iżvilupp urban sabiex tippromwovi l-bini ta' kapaċità, **in-netwerking** u l-iskambju tal-esperjenza **fuq livell ta' Unjonin bejn l-awtoritajiet urbani responsabbli għall-implimentazzjoni ta' strateġiji ta' żvilupp urban sostenibbli skont l-Artikolu 7(4) u (5) ta' dan ir-Regolament u minn awtoritajiet responsabbli għal azzjonijiet innovattivi fil-qasam tal-iżvilupp urban sostenibbli skont l-Artikolu 8 ta' dan ir-Regolament**.

---

<sup>+</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 85/13.  
<sup>+</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 81/13.

2. ***L-attivitajiet tan-netwerk għall-iżvilupp urban għandhom ikunu komplimentari għal dawk imwettqa taħt kooperazzjoni interreġjonali skont il-punt (3)(b) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru .../2013<sup>++</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup>.***

## Artikolu 10

### ***Żoni bi żvantaġġi naturali jew demografiċi***

Fil-programmi operazzjonali kkofinanzjati mill-FEŻR, li jkopru żoni bi żvantaġġi gravi u permanenti, naturali jew demografiċi, kif hemm imsemmi fil-punt 4 tal-Artikolu 121 tar-Regolament (UE) Nru .../2013<sup>+</sup> għandha tingħata attenzjoni partikolari biex ikunu indirizzati d-diffikultajiet speċifiċi ta' dawn iż-żoni.

## Artikolu 11

### ***Reġjuni tat-tramuntana mbiegħda b'densità ta' popolazzjoni baxxa ħafna***

***L-Artikolu 4 ma għandux japplika għall-allokkazzjoni addizzjonali speċifika għar-reġjuni tat-tramuntana mbiegħda b'densità ta' popolazzjoni baxxa ħafna. Dik l-allokkazzjoni għandha tkun allokata għall-oġettivi tematiċi stipulati fil-punti 1, 2, 3, 4 u 7 tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru .../2013<sup>++</sup>.***

---

<sup>++</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 81/13.

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) Nru .../2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-... dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għall-appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali għall-għan ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea (ĠU L ..., ..., p. ...).

<sup>++</sup> ***ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 85/13.***

## Artikolu 12

### Ir-reġjuni l-aktar imbiegħda

1. L-Artikolu 4 ma għandux japplika għall-allokazzjoni addizzjonali speċifika għar-reġjuni l-aktar imbiegħda. Dik l-allokazzjoni għandha tintuża sabiex tagħmel tajjeb għal spejjeż addizzjonali, marbuta ***mal-karatteristiċi u r-restrizzjonijiet speċjali msemmija*** fl-Artikolu 349 TFUE, li jġarrbu r-reġjuni l-aktar imbiegħda biex jappoġġaw:
  - (a) l-oġettivi tematiċi stipulati fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru .../2013<sup>+</sup>;
  - (b) is-servizzi ta' ġarr ta' merkanzija u l-ġajnuna sabiex jinbnew servizzi tat-trasport;
  - (c) l-operazzjonijiet marbutin ma' restrizzjonijiet ta' ħażna, ta' daqs eċċessiv u tal-manutenzjoni ta' għodod tal-produzzjoni, u man-nuqqas ta' kapital uman fis-suq tax-xogħol lokali.

█

---

<sup>+</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 85/13.

2. L-allokazzjoni addizzjonali speċifika msemmija fil-paragrafu 1 tista' tintuża wkoll sabiex tgħin fil-finanzjament ta' għajnuna operattiva u ta' nfiq li jkopri obbligi tas-servizz pubbliku u kuntratti fir-reġjuni l-aktar mbiegħda.
3. L-ammont li għalih tapplika r-rata ta' kofinanzjament għandha tkun proporzjonali għall-ispejjeż addizzjonali, kif imsemmi fil-paragrafu 1, magħmula mill-benefiċjarju, biss fil-każ ta' għajnuna operattiva u ta' nfiq li jkopri l-obbligi tas-servizz pubbliku u l-kuntratti, imma tista' tkopri l-ispejjeż totali eliġibbli fil-każ ta' infiq għall-investment.
4. L-allokazzjoni addizzjonali speċifika msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma għandhiex tintuża sabiex tappoġġa:
  - (a) operazzjonijiet li jinvolvu prodotti elenkati fl-Anness I għat-TFUE;
  - (b) għajnuna għat-trasport ta' persuni awtorizzati taħt il-punt (a) tal-Artikolu 107(2) TFUE;
  - (c) eżenzjonijiet mit-taxxa u eżenzjonijiet minn ħlasijiet soċjali.

5. *B'deroga mill-punti (a) u (b) tal-Artikolu 3(1), il-FEŻR jista' jappoġġa investiment produttiv fl-impriżi fir-reġjuni l-aktar imbiegħda, irrISPettivament mid-daqs ta' daww l-intrapriżi.*
6. *L-Artikolu 4 ma għandux japplika għall-parti tal-FEŻR tal-pakkett allokati għall-Majjorità bħala reġjuni l-aktar imbiegħda fis-sens tal-Artikolu 349 TFUE, u mill-inqas 50 % ta' dik il-parti tal-FEŻR għandhom jiġu allokati lill-oġġettivi tematiċi stabbiliti fil-punti 1, 2, 3, 4 u 6 tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru .../2013\*.*

---

\* ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 85/13.

Kapitolu III  
Dispożizzjonijiet finali

Artikolu 13

**Dispożizzjonijiet tranżitorji**

1. Dan ir-Regolament ma għandux jinċidi fuq it-tkomplija jew il-modifika, inkluża l-kanċellazzjoni totali jew parzjali ta' għajnuna approvata mill-Kummissjoni abbażi tar-Regolament (KE) Nru 1080/2006, jew kwalunkwe leġislazzjoni oħra li tapplika għal dik l-għajnuna fil-31 ta' Diċembru 2013. Dak ir-Regolament u tali leġislazzjoni oħra applikabbli għandhom konsegwentement ikomplu japplikaw wara l-31 ta' Diċembru 2013 għal din l-għajnuna jew ***l-operazzjonijiet*** konċernati sakemm jagħlqu. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, assistenza għandha tkopri programmi operazzjonali u proġetti maġġuri.

2. L-applikazzjonijiet biex wieħed jirċievi assistenza magħmulin **jew approvati** taħt ir-Regolament (KE) Nru 1080/2006 għandhom jibqgħu validi.

#### Artikolu 14

##### Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa għall-adozzjoni ta' atti delegati tingħata lill-Kummissjoni soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f' dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija **fl-Artikoli 6(4) u 8(3)** hija mogħtija lill-Kummissjoni minn ... \* sal-31 ta' Diċembru 2020.
3. Id-delega tas-setgħa imsemmija **fl-Artikoli 6(4) u 8(3)** tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttejjm id-delega tas-setgħa speċifikata f' dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f' data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kull att iddelegat li jkun diġà fis-seħħ.

---

\* ĠU: Jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.



4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
5. Att iddelegat adottat skont l-**Artikoli 6(4) u 8(3)** għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika tal-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu għarrfu lill-Kummissjoni li huma ma jkunux se joġġezzjonaw. Dan il-perjodu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.



## Artikolu 15

### Revoka

*Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 13 ta' dan ir-Regolament, ir-Regolament (KE) Nru 1080/2006 huwa b'dan revokat b'effett mill-1 ta' Jannar 2014.*

Ir-referenzi għar-Regolament irrevokat għandhom jitqiesu bħala referenzi għal dan ir-Regolament *u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni kif stabbilita fl-Anness II.*

## Artikolu 16

### Reviżjoni

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jirriveđu dan ir-Regolament *sal-31 ta' Diċembru 2020* skont l-Artikolu 177 *TFUE*.

Artikolu 17  
Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 12(6) għandu japplika b'effett mill-1 ta' Jannar 2014.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

*Għall-Parlament Ewropew*  
*Il-President*

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*

## ANNEX I

Indikaturi komuni tal-produzzjoni għall-appoġġ mill-FEŻR għal Investiment li għandu fil-mira t-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi (Artikolu 6)

	UNITÀ	DENOMINAZZJONI
Investiment produttiv		
	<i>impriżi</i>	<i>Numru ta' impriżi li qed jirċievu appoġġ</i>
	impriżi	Numru ta' impriżi li jirċievu għotjiet
	impriżi	Numru ta' impriżi li jirċievu appoġġ finanzjarju minbarra għotjiet
	impriżi	Numru ta' impriżi li jirċievu appoġġ mhux finanzjarju
	impriżi	Numru ta' impriżi ġodda appoġġati
	(f'EUR)	Investiment privat li jkun daqs l-appoġġ pubbliku lil <i>impriżi</i> (għotjiet)
	(f'EUR)	Investiment privat li jkun daqs l-appoġġ pubbliku lil <i>impriżi</i> (mhux għotjiet)
	ekwivalenti għal full-time	<i>Żieda fl-impjiegi f'impriżi appoġġati</i>

Turiżmu <i>sostenibbli</i>	<i>Żjarat/sena</i>	<i>Żieda fin-numru mistenni ta' żjarat ta' siti appoġġati ta' wirt kulturali u naturali u attrazzjonijiet</i>
Infrastruttura tal-ICT	<i>unitajiet domestiċi</i>	<i>Djar addizzjonali bl-aċċess broadband ta' mill-inqas 30 Mbps</i>
Trasport		
Ferrovija	kilometri	Tul totali tal-linji ferrovjarji ġodda
		li minnhom: TEN-T
	kilometri	Tul totali tal-linji ferrovjarji mibnija mill-ġdid jew mtejba
		li minnhom: TEN-T
Toroq	kilometri	Tul totali ta' toroq mibnijin ġodda
		li minnhom: TEN-T
	kilometri	Tul totali toroq mibnija mill-ġdid jew mtejba
		li minnhom: TEN-T

Trasport urban	kilometri	<i>Tul totali ta' linji ġodda jew imtejba tat-tramm jew tal-metro</i>
Passaġġi fuq l-ilma intern	kilometri	<i>Tul totali ta' passaġġi tal-ilma intern imtejba jew ġodda</i>
L-Ambjent		
Skart solidu	Tunnellati/ <i>sena</i>	Il-kapaċità għar-riċiklaġġ tal-iskart addizzjonali
Provvista tal-ilma	persuni	Il-popolazzjoni addizzjonali servuta bi provvista ta' ilma aħjar
	█	█
Trattament tad-dranaġġ	ekwivalenti għall-popolazzjoni	Il-popolazzjoni addizzjonali servuta bi trattament ta' dranaġġ aħjar
Il-prevenzjoni tar-riskju u l-maniġment	persuni	Il-popolazzjoni li qed tgawdi minn miżuri ta' protezzjoni kontra l-għargħar
	persuni	Il-popolazzjoni li qed tgawdi minn miżuri ta' protezzjoni kontra nirien fil-foresti
Riabilitazzjoni tal-art	ettari	Erja totali ta' wiċċ l-art riabilitata
█	█	█
In-natura u l-bijodiversità	ettari	L-erja ta' wiċċ l-art ta' habitats <i>appoġġata sabiex jinkiseb</i> status aħjar ta' konservazzjoni

Riċerka, Innovazzjoni:		
	█	█
	█	█
	<i>ekwivalenti full-time</i>	<i>Numru ta' riċerkaturi ġodda f'entitajiet appoġġati</i>
	ekwivalenti full-time	<i>Numru ta' riċerkaturi li jaħdmu f'faċilitajiet imtejba ta' infrastruttura għar-riċerka</i>
	<i>impriżi</i>	<i>Numru ta' impriżi li qed jikkooperaw ma' istituzzjonijiet tar-riċerka</i>
	(f'EUR)	Investiment privat li jkun daqs l-għajnuna pubblika fl-innovazzjoni jew proġetti tar-R&Ż
	<i>impriżi</i>	<i>Numru ta' impriżi appoġġati biex jiġu introdotti prodotti ġodda għas-suq █</i>
	<i>impriżi</i>	<i>Numru ta' impriżi appoġġati biex jiġu introdotti prodotti ġodda lid-ditti █</i>

Enerġija u Tibdil fil-Klima		
L-enerġija rinnovabbli	MW	Kapaċità addizzjonali fil-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli
Effiċjenza fl-użu tal-enerġija	unitajiet domestiċi	Numru ta' unitajiet domestiċi bil-klassifikazzjoni tal-konsum tal-enerġija mtejba
	kWh/sena	Tnaqqis fil-konsum <i>annwali</i> tal-enerġija primarja ta' bini pubbliku
	utenti	Numru addizzjonali ta' utenti tal-enerġija konnessi ma' netwerks intelliġenti (smart grids)
Tnaqqis fil-GHG	tunnellati ta' CO <sub>2</sub> eq	It-tnaqqis stmat <i>annwali</i> ta' GHG ■
Infrastruttura soċjali		
L-indukrar tat-tfal u l-educazzjoni	persuni	Il-kapaċità ■ tal-indukrar tat-tfal jew tal-infrastruttura tal-educazzjoni appoġġati



Is-Saħħa	Persuni	<i>Popolazzjoni koperta minn</i> servizzi tas-saħħa mtejba
█	█	█
█	█	█
<b><i>L-indikaturi speċifiċi ta' Żvilupp Urban</i></b>		
	persuni	Il-popolazzjoni li tgħix f'żoni bi strateġiji ta' żvilupp urban integrat
	metri kwadri	Spazju miftuħ <b><i>maħluq jew riabilitat</i></b> f'żoni urbani
	metri kwadri	Bini █ pubbliku jew kummerċjali <b><i>mibni jew rinovat</i></b> f'żoni urbani
	<b><i>unitajiet ta' housing</i></b>	Djar <b><i>riabilitati</i></b> f'żoni urbani

## ANNEX II

## TABELLA TA' KORRELAZZJONI

Regolament (KE) Nru 1080/2006	Dan ir-Regolament
Artikolu 1	Artikolu 1
Artikolu 2	Artikolu 2
Artikolu 3	Artikolu 3
-	Artikolu 4
Artikolu 4	Artikolu 5
Artikolu 5	Artikolu 5
Artikolu 6	-
Artikolu 7	-
-	Artikolu 6
Artikolu 8	Artikolu 7
-	Artikolu 8
-	Artikolu 9
Artikolu 9	-
Artikolu 10	Artikolu 10
-	Artikolu 11
Artikolu 11	Artikolu 12
Artikolu 12	-
Artikolu 13	-
Artikolu 14	-
Artikolu 15	-
Artikolu 16	-
Artikolu 17	-

Artikolu 18

Artikolu 19

Artikolu 20

Artikolu 21

Artikolu 22

-

Artikolu 23

Artikolu 24

Artikolu 25

-

-

-

-

Artikolu 13

Artikolu 14

Artikolu 15

Artikolu 16

Artikolu 17